# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 8 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 2**

**Citaz. Nru. 614/01GV**

**Master Wine Limited**

**vs**

**M. A. Supermarkets Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' Lm5,851.33 (hamest elef, tmien mija u wiehed u hasmin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu) rapprezentanti somma bilancjali dovuta ghall-merkanzija konsistenti f'xorb mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta go diversi *supermarkets* tal-istess socjeta' konvenuta (*statements* annessi dok. B, dok. C, dok. D u dok. E);

Premess illi s-socjeta' konvenuta ghad li giet interpellata sabiex thallas dan l-ammont baqghet inadempjenti anzi halset parti mill-ammont pretiz permezz ta' cekkijiet li ma gew onorati mill-Bank;

Premess ukoll illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut, u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-Ligi a tenur ta' Artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, u l-istanti nomine qed jannetti ma

dan l-att affidavit (Dok. A) a tenur ta' l-istess artikoli tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, b'dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167-170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm5,851.33 (hamest elef tmien mija u wiehed u hasmin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu) rapprezentanti ammont dovut lill-istess socjeta' attrici ghall merkanzija konsistenti f'xorb mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Marzu, 2001, tal-mandat ta' qbid numru 1081/01CX prezentat kontestwalment u bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**